MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 280/2002/2

**Carmel *sive* Carlo SCHEMBRI eżerċenti f'isem id-ditta *Design Source International***

**vs**

**Mario HAMMETT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Marzu, 2002, li bih l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' skrittura privata li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CS1, il-konvenut ikkonċeda kuntratt ta' appalt lill-attur konsistenti fl-għoti ta' servizzi ta' *interior design* u *consultancy* fil-fond Stelle Alpine Boutique ġewwa l-Baystreet Hotel Complex, St. George's Bay, versu ħlas minimu stipulat ta' elfejn lira maltin (Lm2,000), li flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud

(VAT) relattiva jammonta għal elfejn u tlett mitt lira maltin (Lm2,300);

Illi l-appalt ġie eseġwit u kompletat u li inoltre l-attur fuq inkarigu tal-konvenut għamel spejjeż fl-ammont ta' mitejn ħamsa u tletin lira maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm235.29) kif dettaljati fil-prospett anness bħala Dok. CS2;

Illi l-konvenut għamel ħlas akkont ta' disa' mija tnejn u sittin lira maltin (Lm962.00), iżda interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-bilanċ rimanenti dovut ta' elf ħames mija tlieta u sebgħin lira maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm1573.29) baqa' inadempjenti;

Illi permezz ta' skrittura privata datata 27 ta' Mejju 2000 li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CS3, il-konvenut ikkonċeda kuntratt ta' appalt lill-attur konsistenti fl-għoti ta' servizzi ta' *interior design* u *consultancy* fil-fond li wkoll iġib lisem *Stelle Alpine Boutique*, gia *Royalton Restaurant*, The Strand, Sliema versu ħlas minimu ta' elfjen u tmien mitt lira maltin (Lm2,800) li flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) relattiva jammonta għal tlett elef mitejn u għoxrin lira maltin (Lm3,220) jew versu somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tal-valur globali tax-xogħlijiet ta' dekorazzjoni nterna li kellhom isiru fil-fond imsemmi flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud ( VAT) relattiva, skond liema somma tkun l-ogħla;

Illi l-konvenut ittermina unilateralment tali appalt mingħajr raġuni valida fil-liġi, wara li l-attur kien ipprezenta d-dizinnji tiegħu, biex wara tali terminazzjoni x-xogħlijiet tkomplew klandestinament u bil-moħbi ta' l-attur fuq l-istess dizinnji li kienu ġew prezentati mill-attur u skond il-pariri ta' l-attur;

Illi għalhekk jispetta lil din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 1640(2) Kap. 16 li tiddetermina kemm għandu jitħallas l-attur tax-xogħol li għamel flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti li ma tkunx iżjed mill-qliegħ li l-attur seta' jagħmel bl- appalt *de quo*;

Illi finalment illi l-konvenut kien għamel ħlas akkont ta' mitejn u tletin lira maltin (Lm230.00);

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara l-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elf ħames mija tlieta u sebgħin lira maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm1573.29) rapprezentanti l-bilanċ rimanenti dovut in konsegwenza għall-esekuzzjoni ta' l-appalt konċess permezz ta' l-iskrittura privata li kopja tagħha hija esebita bħala Dok. CS1;

2. Tiddikjara li l-konvenut ittermina mingħajr raġuni valida fil-liġi l-appalt konċess permezz ta' l-iskrittura privata datata 27 ta' Mejju 2000 li kopja tagħha hija esebita bħala Dok. CS3;

3. Tillikwida kemm għandu jitħallas l-attur tax-xogħol li għamel kif ukoll tillikwida l-*lucrum cessans* li sofra l-attur in konsegwenza ta' tali terminazzjoni ingustifikata;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas dikjarati u likwidati in konsegwenza tat-talbiet preċedenti;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Marzu 2000 u taċ-ċedola ta' depositu prezentata kontestwalment kontra John sive Gino Cutajar noe, bl-imgħax, bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi;
Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-12 t'April, 2002, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-inkompetenza 'rationae valoris' ta' din il-Qorti li 'ictu oculi' l-attur qed jitlob

pagament bilanċjali ta' Lm1573.29c kif ukoll somma oħra ta' Lm3220 liema somma globalment ma teċċedix il-Lm5000;

2. Illi bla pregudizzju għal premess u fil-mertu illi l-kuntratt bejn il-partijiet ġie eseġwit in konnessjoni max-xogħolijiet ta' Bay Street pero' l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma bilanċjali ta' Lm1251.00 stante illi huwa ħallas akkont Lm1284 u mhux kif pretiz mill-attur Lm962;

3. Illi inoltre qatt ma daħlu f'appalt in konnessjoni max-xogħolijiet li kellhom isiru f'The Strand, tas-Sliema peress illi l-konvenut ma kienx kuntent bix-xogħolijiet kif esegwiti f'Bay Street, San Giljan pero' effettivament f'tas-Sliema dawn ix-xogħolijiet qatt ma ġew esegwiti la mill-attur u l-anqas minn ħaddieħor u għalhekk l-ebda ħlas mhu dovut lill-attur;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta’ Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek dwar jekk din il-Qorti tistax tisma’ l-kawża minħabba l-valur tagħha;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ xogħol imwettaq b’appalt u li baqa’ ma tħallasx. L-attur jgħid li kien ingħata żewġ appalti mill-imħarrek biex jagħmel xogħol ta’ tiżjin intern f’żewġ stabbilimenti kummerċjali immexxijin mill-imħarrek, li, min-naħa tiegħu, temm qabel il-waqt it-tieni appalt mogħti lill-attur;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qalli dak li qiegħed jitlob l-attur m'għandux jingħata, billi hu ħallas aktar minn kemm qiegħed jgħid l-attur, u li qatt ma kiien sar ftehim dwar it-tieni appalt. Qiegħed jgħid ukoll li wkoll jekk jitqiesu t-talbiet kollha tal-attur, l-ogħla somma li tista' tintalab ma tista' qatt taqbeż il-ħamest elef lira Maltija, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tisma' l-kawża, minħabba l-valur tagħha;

Illi din is-sentenza qegħda tqis din l-aħħar eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek;

Illi **<u>dwar l-eċċezzjoni jekk il-Qorti tistax tisma' l-kawża minħabba l-valur tagħha</u>**, l-imħarrek, iressaq l-argument li l-valur tal-kawża huwa determinat mill-ammont massimu li l-attur jista' qatt jitlob taħt il-ftehim li l-attur innifsu jgħid li saru mal-imħarrek. Huwa jisħaq li l-ogħla somma li l-attur jista' qatt jippretendi għal xogħlu u l-ħsara li jgħid li ġarrab ma tista' qatt taqbeż il-ħamest elef lira Maltija, u b'hekk il-kawża jmissha tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jirribatti l-argumenti tal-imħarrek billi, qabel xejn, jgħid li l-azzjoni tiegħu m'hijiex waħda li titlob biss il-ħlas ta' bilanċ imsemmi dwar ix-xogħol imwettaq minnu taħt l-ewwel kuntratt ta' appalt, imma hija azzjoni li titlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li huwa ġarrab minħabba l-allegat ksur min-naħa tal-imħarrek tal-patti tat-tieni appalt;

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-artikoli miġjubin warajh;

Illi skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta' valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi

determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża[1]. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli;

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[2]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[3];

Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ[4];

Illi f'każijiet oħra ngħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni[5]. Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet *Ġużeppa Borġ vs Maria Mizzi et* ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";

[1] Art. 747(2)(`) tal-Kap 12
[2] Art 32 tal-kap 12
[3] Ara, per e\empju, App. ~iv **4.11.1963** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406**)
[4] App. ~iv. **7.10.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***
[5] App. Inf. **31.7.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Anthony |ammit vs Joseph Ellul noe***; u ara wkoll art. 754 tal-Kap 12

Illi l-imħarrek jinsisti li, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-valur tal-azzjoni attriċi huwa determinat u determinabbli billi, minbarra t-tismija ta' somma likwidata fl-ewwel talba attriċi, it-talba tal-likwidazzjoni tad-danni hija determinabbli mit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, li hija l-kitba ta' ftehim tal-appalt li l-attur jgħid li kellu mal-imħarrek[6]. L-attur ma jaqbel xejn ma' din il-linja ta' argument u jibqa' jtenni li ladarba, fir-rigward tat-tieni ftehim, ma setax jitlob il-ħlas ta' somma likwida bħala danni, tabilfors iġib li l-azzjoni attriċi - għallanqas f'dak li jirrigwarda dik it-talba u l-oħrajn marbutin magħha - hija waħda li tikkwalifika bħala ta' valur indeterminat, u għalhekk li għandha tinstama' minn din il-Qorti. Huwa ċar ukoll li d-danni mitluba mill-attur f'din il-kawża huma dawk kuntrattwali u mhux *ex delicto*;

Illi, għalhekk, l-eżami li trid tagħmel il-Qorti huwa dak li tara jekk il-valur tal-kawża huwiex determinat jew determinabbli mill-atti innifishom. Minn tnejn minn fost id-dokumenti mressqin mill-attur[7], joħroġ ċar li l-ammont ta' ħlas imsemmi f'kull wieħed minnhom huwa l-<u>anqas</u> ammont li jista' jintalab mill-attur lill-imħarrek f'<u>kull</u> wieħed mill-appalti. Kemm hu hekk, skond l-attur, f'dak li għandu x'jaqsam mal-appalt fil-ħanut ta' San Ġiljan, qiegħed jitlob il-ħlas ta' bilanċ li s-somma sħiħa tiegħu titla' għal ammont akbar minn dak il-minimu msemmi fil-ftehim (bla data). Id-diffikulta' tinħoloq fit-tifsira tal-ftehim dwar il-ħanut f'Tas-Slierma, li tħassar qabel twettaq. F'dan il-każ, l-imħarrek jgħid li ma kienx hemm ftehim (u allura jidher li qiegħed jattakka l-obbligazzjoni bil-mezz tal-eċċezzjoni[8]), filwaqt li l-attur jgħid li kien laħaq ħejja l-pjanti u d-disinji u tahom lill-imħarrek, li wżahom biex wettaq ix-xogħol fuqhom b'ħaddieħor;

Illi fis-sitt (6) premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni, l-attur jagħmilha ċara wkoll li, dwar lk-appalt tal-ħanut f'Tas-Sliema, huwa għandu jitħallas tax-xogħol li laħaq wettaq, <u>u kif ukoll</u> tad-danni minnu mġarrba minħabba t-temm tal-appalt mill-imħarrek u l-użu tax-xogħol li laħaq ta biex sar

[6] Ara art. 748(b) tal-Kap 12
[7] Ara Dok ti "CS1" u "CS3", f'pa[[. 6 u 9 tal-pro`ess
[8] Ara art. 754 tal-Kap 12

ix-xogħol minn ħaddieħor. Din hija l-formulazzjoni tal-azzjoni attriċi dwar l-aspett tad-danni u fuq din il-formulazzjoni għandu jiġi meqjus il-kriterju tal-valur tal-kawża. Il-fatt li l-imħarrek jiċħad li kien hemm obbligazzjoni jew iwarrab id-dettalji fattwali tagħha huwa kwestjoni ta' mertu, u ma jinċidux fuq id-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-valur tal-kawża;

Illi, mkejla fuq il-kriterji li ssemmew hawn fuq, il-Qorti tqis li jekk kellha titfisser sewwa l-kawżali li fuqha jissejsu t-tielet u r-raba' talbiet, jerġa' jidħol fis-seħħ il-prinċipju li t-talba hija waħda ta' valur mhux determinat u lanqas determinabbli mill-atti kif irid l-artikolu 748 tal-Kap 12;
Il-Qorti temmen li dan il-prinċipju tal-aħħar, magħdud flimkien mal-ieħor li jkun aħjar li att ġudizzjarju jkun salvat milli mħassar, iqiegħed l-azzjoni attriċi f'ħoġor din il-Qorti u mhux f'qorti ta' kompetenza "inferjuri";

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka dwar il-valur tal-kawża ma tistax titqies mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek u tgħid li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' l-kawża kif imfassla; u

**Tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi fil-mertu.

**Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**14 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**14 ta’ Novembru, 2002**